MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 629/2005

Dr. David Tonna u Dr. Antoine Camilleri bhala prokuraturi specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Koninklijke Philips Electronics N.V.
vs
Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Veronica Rossignaud li b'digriet tal-25 ta' Lulju, 2005 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil XXX9999 SARL Mega Turbo Power B.B.A. 34000, Algeria

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi nomine li biha ppremettew:

Peress illi s-socjeta` attrici Koninklijke Philips Electronics NY., Groenewoudseweg 1, 5621 BA Eindhoven, The Netherlands kienet proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "PHILIPS" u l-markju distintiv maghruf bhala "PHILIPS SHIELD EMBLEM", liema markji kienu wzati mis-socjeta` attrici fuq diversi prodotti manifatturati

minnha bhal apparat elettriku, hair dryers, domestic appliances, u apparat iehor li jintuza d-djar u fi stabbilimenti kummercjali, u dan skond kif kien jidher fuq id-Dokumenti “A”, “B”, u “C”;

Peress illi s-socjeta` attrici kienet detentrici tad-dritt ta’ proprjeta` industrijali tal-istess markju “PHILIPS SHIELD EMBLEM” fil-komplessita` tieghu registrat fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark No. 6489 (kif muri f’Dok. “A” anness mac-citazzjoni), kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta` attrici kellha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku “PHILIPS SHIELD EMBLEM” u dan kollu ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijijet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema markji “PHILIPS” u “PHILIPS SHIELD EMBLEM” kienu wkoll registrati bhala Trademarks Komunitarji mal-Office for Harmonization in the Internal Market tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 000205971 (“PHILIPS”) (kif muri f’Dok. “B”) u Numru 000205849 (“PHILIPS SHIELD EMBLEM”) (kif muri f’Dok. “C”);

Peress illi kien irrizulta li fis-26 ta’ Mejju 2005 kienet iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM MONTE OLIVA”, u/jew kienet giet importata temporanjament u/jew kienet tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ hair dryers li kienu zmontati f’komponenti individwali fejn l-ippakkettjar jew il-packaging cartons tal-istess kienu jgibu fuqhom il-markju “PHILIPS” u l-markju distintiv “PHILIPS SHIELD EMBLEM” fuq imsemmija liema konsenja kienet tikkonsisti b’kollox fi tnax-il elf u mitejn (12,200) packaging cartons tal-hair dryers bil-markji “PHILIPS’ u “PHILIPS SHIELD EMBLEM”, tlettax-il elf u sitt mitt (13,600) cable, tlettax-il elf u sitt mitt (13,600) plakka tad-dawl, tmien mija u sitta u sebghin (876) packaging cartons tal-hair dryers bil-markji “PHILIPS’ u “PHILIPS SHIELD EMBLEM” li fihom kien hemm total ta’ erbatax-il elf u sittax (14,016) il-bicca heater elements, tmien mija u sitta u sebghin (876) packaging cartons tal-hair dryers bil-markji “PHILIPS’ u “PHILIPS SHIELD EMBLEM” li fihom kien hemm total ta’ erbatax-il elf u sittax (14,016)-il bicca electric motors, kif

ukoll mitejn u hamsin (250) kaxxa tal-kartun kbar li kien fihom plastic housing u komponenti ohra tal-hair dryers, u dan kollu b'Containers Numri SGCU1980973 u BSIU2084899 u li ma kienux genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414;

Peress illi mill-Poloz ta' Kargu Numri NGP196949 u NGP196952 kien irrizulta li l-konsenjatarji tal-konsenja in kwistjoni kienu indikati bhala XXX9999 SARL Mega Turbo Power B.B.A. 34000, Algeria, mentri kien irrizulta li d-dettalji tax-Shipper kienu NGP3453 China Art Hangzhou Imp & Exp Corp. China;

Peress illi kien kemm mill-fatt kif il-packaging cartons u d-diversi komponenti tal-hair dryers kienu msemmija aktar 'il fuq kienu ippakkettjati flimkien, mill-fatt illi dawn kollha kienu destinati ghall-istess konsenjatarju kif kien indikat fil-Poloz ta' Kargu, kif ukoll mill-fatt illi n-numru ta' packaging cartons u d-diversi komponenti individwali kollha kienu jammontaw ghal prattikament l-istess numru, kien jidher car illi dawn il-komponenti kollha kienu ser jigu assemblati flimkien f'hair dryers sabiex jinbieghu fl-imsemmija packaging cartons li jgorru fuqhom il-markji tas-socjeta` attrici "PHILIPS' u "PHILIPS SHIELD EMBLEM";

Peress illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali kien projbit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi dawn l-imsemmija packaging cartons tal-hair dryers kif ukoll l-imsemmija accessorji u komponenti zmontati tal-istess hair dryers in kwistjoni kienu jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artiklu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap 414, li favur taghha kienu registrati l-markju "PHILIPS" u l-markju distintiv maghruf bhala "PHILIPS SHIELD EMBLEM", u kienu jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artiklu 2(1)(b) tal-istess Kap 414, kif ukoll kienu jikkontravvjenu d-drittijiet ta'

proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 li kienet tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li kienu sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali u l-mizuri li kienu jridu jittiehdu kontra prodotti li kienu jinstabu li kienu jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif kien ben spjegat mill-analizi li kien ghamel rapprezentant tas-socjeta` estera Philips Domestic Appliances and Personal Care B.V. ghas-socjeta` attrici (rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “D”);

Peress illi din l-imsemmija konsenja kienet tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur wara li kienu gew provvduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “G”);

L-atturi nomine talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-packaging cartons tal-hair dryers u l-komponenti (heater elements u electric motors) li kien hemm f’numru ta’ dawn il-packaging cartons in kwistjoni u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414);

2. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ packaging cartons u hair dryers li kienu zmontati f’komponenti individwali li tikkonsisti fi tnax-il elf u mitejn (12,200) packaging cartons tal-hair dryers bil-markji “PHILIPS’ u “PHILIPS SHIELD EMBLEM”, tmien mija u sitta u sebghin (876) packaging cartons tal-hair dryers bil-markji “PHILIPS’ u “PHILIPS SHIELD EMBLEM” li fihom kien hemm total ta’ erbatax-il elf u sittax (14,016)-il bicca

heater elements, u tmien mija u sitta u sebghin (876) packaging cartons tal-hair dryers bil-markji “PHILIPS’ u “PHILIPS SHIELD EMBLEM” li fihom kien hemm total ta’ erbatax-il elf u sittax (14,016)-il bicca electric motors, da parti tal-konvenut u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li ma kienux genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademark registrat f’isem is-socjeta` attrici bin-Numru 6489 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “PHILIPS SHIELD EMBLEM”;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din l-imsemmija konsenja ta’ packaging cartons tal-hair dryers u komponenti individwali tal-istess hair dryers (kif spjegat u dettaljat fit-tieni talba) tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-Trademark registrat f’isem is-socjeta` attrici bin-Numru 6489 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-Trademarks Komunitarji Numru 000205971 (“PHILIPS”) u Numru 000205849 (“PHILIPS SHIELD EMBLEM”) registrati f’isem is-socjeta` attrici (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta’ Dicembru 1993 fuq it-Trademark Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “PHILIPS SHIELD EMBLEM”;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles tar-rimanenti komponenti tal-imsemmija hair dryers zmontati, jigifieri t-tlettax-il elf u sitt mitt (13,600) cable, it-tlettax-il elf u sitt mitt (13,600)

plakka tad-dawl, kif ukoll il-mitejn u hamsin (250) kaxxa tal-kartun kbar li fihom il-plastic housing u komponenti ohra tal-hair dryers tikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tad-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici skond il-provvedimenti tal-Kap 414 u dan minhabba l-fatt illi jidher car illi dawn il-komponenti tal-ahhar kollha kienu ser jigu assemblati flimkien mal-komponenti l-ohra (kif imsemmija fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet talba) f’hair dryers sabiex jinbieghu fit-packaging cartons li jgorru fuqhom il-markji tas-socjeta` attrici “PHILIPS’ u “PHILIPS SHIELD EMBLEM”;

5. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-packaging cartons tal-hair dryers u l-komponenti (heater elements u electric motors) li kien hemm f’numru ta’ dawn il-packaging cartons in kwistjoni u tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` attrici a bazi tar-raba’ talba sabiex jiddistruggu r-rimanenti accessorji u komponenti tal-hair dryers in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuti nomine, skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414;

6. Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijjet ta’ Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` attrici;

7. Tordna lill-konvenuti nomine sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-packaging cartons tal-hair dryers u l-komponenti (heater elements u electric motors) li kien hemm f’numru ta’ dawn il-packaging cartons, kif ukoll tar-rimanenti accessorji u komponenti tal-hair dryers in kwistjoni, u sabiex ihallsu wkoll l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414;

B1-ispejjez, kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eccepew:

Illi huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u kienu qeghdin jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine fejn fiha ssemma li s-socjeta` attrici Koninklijke Philips Electronics N.V. kienet proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markji "PHILIPS" u "PHILIPS SHIELD EMBLEM" u dawn kienu uzati minnha fuq diversi prodotti manifatturati minnha. Is-socjeta` attrici kienet detentrici tad-dritt ta' proprjeta` industrijali tal-istess markju "PHILIPS SHIELD EMBLEM" registrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht Trademark No. 6489 kif ukoll minhabba l-fatt li ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "PHILIPS SHIELD EMBLEM" ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-markji "PHILIPS" u "PHILIPS SHIELD EMBLEM" huma wkoll registrati bhala Trademarks Komunitarji mal-Office for Harmonization in the Internal Market tal-Unjoni Ewropeja (bazat fAlicante, Spanja) taht Numru 000205971 ("PHILIPS") u Numru 000205849 ("PHILIPS SHIELD EMBLEM"). Fis-26 ta' Mejju 2005

iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM MONTE OLIVA”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ ***hair dryers*** li kienu zmontati f’komponenti individwali u l-ippakkettjar jew il-packaging cartons kienu jgibu fuqhom il-markji “PHILIPS” u “PHILIPS SHIELD EMBLEM” u dan b’***Containers*** Numri SGCU1980973 u BSIU2084899 u li ma kienux genwini.

Mill-Poloz ta’ Kargu Numri NGP196949 u NGP196952 irrizulta li
l-konsenjatarji kienu indikati bhala XXX9999 SARL Mega Turbo Power B.B.A. 34000, Algeria, mentri irrizulta li d-dettalji tax-***Shipper*** kienu NGP3453 China Art Hangzhou Imp & Exp Corp. China. Sostnew li kien jidher car li dawn il-komponenti kienu ser jigu assemblati flimkien f’***hair dryers*** sabiex jinbieghu fl-imsemmija ***packaging cartons*** li jgorru fuqhom il-markji tas-socjeta` attrici “PHILIPS’ u “PHILIPS SHIELD EMBLEM”. Id-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-riesportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta` intellettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u dawn il-***packaging cartons*** tal-***hair dryers*** kif ukoll l-accessorji u komponenti zmontati tal-istess ***hair dryers*** in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artiklu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap 414, li favur taghha kienu registrati l-markji “PHILIPS” u “PHILIPS SHIELD EMBLEM” u jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-Kap 414 u l-artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003. Din il-konsenja kienet qed tinzamm mill-Kontrollur tad-Dwana wara applikazzjonmi bil-miktub mis-socjeta` attrici.

Semghet bil-gurament lil Dr. David Tonna li kkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni prezentata mac-citazzjoni.

Gie prezentat affidavit ta’ George Scerri Fizzjal tad-Dwana fis-sezzjoni tal-infurzar bi specjalizzazzjoni f’Att VIII tal-

2000, Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Drittijiet dwar Proprjeta` Intellettwali – Mizuri Intrakonfini). Qal li l-***containers*** numri SGCU1980973 u BSIU2084899 tghabbew fil-port ta' Ningbo fic-Cina u waslu fil-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM Monte Oliva fis-26 ta' Mejju, 2005. Dawn il-***containers*** intbaghtu mill-kumpanija NGP 3453 China Art Hangzhou SARL Mega Turbo Power B.B.A. 34000, Algeria. Il-kontenut tal-***containers*** kienu 357 kaxxa ***hair dryers*** u 248 kaxxa ***hair dryers***. Fit-28 ta' Mejju, 2005 l-***containers*** intghazlu biex jigu ezaminati bl-***X-Ray*** u wara biex jinfethu biex isir ezami fiziku tal-kontenut. Fir-ringiela ta' quddiem tal-***containers*** instab li kien hemm kartun bil-marka Philips ***printed*** fuqha. Il-kontenut kien parts ta' ***hair dryers*** mhux assemblati. Fit-30 ta' Mejju, 2005 ghamlu kuntatt ma' Gerald Smelt li huwa r-rapprezentant tad-ditta Philips inkarigat mill-applikazzjonijiet ghal azzjoni mad-dwaniet internazzjonali rigward ksur ta' drittijiet dwar proprjeta` intellettwali. Fil-31 ta' Mejju, 2005 gew infurmati minn J.M.A. Mombers li huwa t-***Trademarks Counsel*** ghall-Philips li kienu hatru lil Mamo TCV Advocates biex tirrapprezentahom. Ghaddew xi kampjuni lil Dr. Antoine Camilleri li kien infurmahom li dawn kienu foloz. Ghalhekk gie deciz li l-***containers*** jigu trasferiti gewwa Newport biex jinhattu u jigu ezaminati ahjar. Dawn gew trasferiti u nhattu fit-8 ta' Gunju, 2005. Sussegwentement fit-30 ta' Gunju, 2005 ix-xhud kien gie nfurmat minn Dr. Antoine Camilleri li kienet infethet kawza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili kontra Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil XXX9999 Sarl Mega Turbo Power B.B.A. 34000, Algeria.

Semghet bil-gurament lill-istess George Scerri li kkonferma l-kontenut tal-affidavit tieghu. Zied li l-***containers*** kienu tnejn separati pero` x-***shipper*** u l-konsenjatarju kienu l-istess u l-ammonti li kien hemm go fihom kienu relatati minhabba li t-tnejn kienu ***hair dryers*** li kienu qed jigu mmarkati bid-ditta Philips.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine fejn fiha ssemma li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lill-atturi nomine ghax ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizultax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista' tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostnew l-atturi nomine ma gie kontradett.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. David Tonna u Dr. Antoine Camilleri huma rapprezentanti tas-socjeta` Koninklijke Philips Electronics N.V. ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki taghha gewwa Malta. Irrizulta li fis-26 ta' Mejju, 2005 iddahhlet gewwa Malta CMA CGM Monte Oliva konsenja ta' ***hair dryer parts*** mhux assemblati tal-marka Philips. Dr. Tonna u Dr. Camilleri f'isem is-socjeta` attrici talbu lill-Kontrollur tad-Dwana biex izomm il-konsenja u jaghtuhom kampjuni biex huma jibghatuhom barra minn Malta biex jigu ezaminati sabiex jigi stabbilit kienux genwini jew foloz. Instab li l-***parts*** kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-Newport. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Scerri Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Intellectual Property li semma li fit-8 ta' Gunju, 2005 il-***containers*** gew miftuhin biex jigu ccekkjati. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-konvenuti nomine ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 23 u 24 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' Jaap Merkus, Senior product Manager Haircare ta' Philips Domestic Appliances and Personal Care, Koninklijke Philips Electronics N.V., li fiha jinghad "In conclusion, I confirm that the Sample bearing the Philips and the Philips Shield Emblem trademarks I examined was not produced by, or with the permission of Philips or any of its affiliates or licensees, and is therefore counterfeit and infringes Philip's intellectual property rights in its registered trademarks.".

It-talba attrici m'hi b'ebda mod kontradetta.

L-azzjoni attrici hi bazata fuq dak li tipprovdi l-Ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap 414).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-fatti msemmija fic-citazzjoni u dikjarazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Jaap Merkus u tal-Ufficjal tad-Dwana George Scerri u ta' Dr. David Tonna, il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-packaging cartons tal-hair dryers u l-komponenti (***heater elements*** u ***electric motors***) li kien hemm f'numru ta' dawn il-***packaging cartons*** in kwistjoni u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414).

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' packaging cartons u hair dryers li kienu zmontati f'komponenti individwali li tikkonsisti fi tnax-il elf u mitejn (12,200) packaging cartons tal-hair dryers bil-markji "PHILIPS' u "PHILIPS SHIELD EMBLEM", tmien mija u sitta u sebghin (876) packaging cartons tal-hair dryers bil-markji "PHILIPS' u "PHILIPS SHIELD EMBLEM" li fihom kien hemm total ta' erbatax-il elf u sittax (14,016)-il bicca heater elements, u tmien mija u sitta u sebghin (876) ***packaging cartons*** tal-***hair dryers*** bil-markji "PHILIPS' u "PHILIPS SHIELD EMBLEM" li fihom kien hemm total ta' erbatax-il elf u sittax (14,016)-il bicca ***electric motors***, da parti tal-konvenut u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li ma kienux genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademark registrat f'isem is-socjeta` attrici bin-Numru 6489 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "PHILIPS SHIELD EMBLEM".

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' packaging cartons tal-hair dryers u komponenti individwali tal-istess hair dryers (kif spjegat u dettaljat fit-tieni talba) tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-Trademark registrat f'isem is-socjeta` attrici bin-Numru 6489 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-Trademarks Komunitarji Numru 000205971 ("PHILIPS") u Numru 000205849 ("PHILIPS SHIELD EMBLEM") registrati f'isem is-socjeta` attrici (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-Trademark Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "PHILIPS SHIELD EMBLEM".

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles tar-rimanenti komponenti tal-imsemmija hair dryers zmontati, jigifieri t-tlettax-il elf u sitt mitt (13,600) cable, it-tlettax-il elf u sitt mitt (13,600) plakka tad-dawl, kif ukoll il-mitejn u hamsin (250) kaxxa tal-kartun kbar li fihom il-plastic housing u komponenti ohra tal-hair dryers tikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tad-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici skond il-provvedimenti tal-Kap 414 u dan minhabba l-fatt illi jidher car illi dawn il-komponenti tal-ahhar kollha kienu ser jigu assemblati flimkien mal-komponenti l-ohra (kif imsemmija fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet talba) f'hair dryers sabiex jinbieghu fit-packaging cartons li jgorru fuqhom il-markji tas-socjeta` attrici "PHILIPS' u "PHILIPS SHIELD EMBLEM".

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-packaging cartons tal-hair dryers u l-komponenti (heater elements u electric motors) li kien hemm f'numru ta' dawn il-packaging cartons in kwistjoni u tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-

socjeta` attrici a bazi tar-raba’ talba sabiex jiddistruggu r-rimanenti accessorji u komponenti tal-hair dryers in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuti nomine, skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414.

Dwar is-sitt talba fejn intalab lill-Qorti “Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijjet ta’ Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` attrici”, fil-fatt l-atturi nomine ma ghamlu ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Tordna lill-konvenuti nomine sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-packaging cartons tal-hair dryers u l-komponenti (***heater elements*** u ***electric motors***) li kien hemm f’numru ta’ dawn il-***packaging cartons***, kif ukoll tar-rimanenti accessorji u komponenti tal-hair dryers in kwistjoni, u sabiex ihallsu wkoll l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, b’dan li provvizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-atturi nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------